Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Numru: 150 / 2015

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)

vs

Jonathan Micallef

Illum, 28 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Micallef, iben Saviour, imwieled Pieta', fis-16 ta' Awwissu, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 441282(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Jannar 2013 ghal habta tal-ghaxra u ghaxra ta' filghaxija (10:10pm) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Horst Erich Wickinghoff;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b' ghajjat u glied;

3. irrenda ruhu recediv skont l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Horst Erich Wickinghoff jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Horst Erich Wickinghoff, wara li rat Artikoli 49, 50, 214, 215, 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Jonathan Micallef hati tar-reat minuri kompriz u involut fl-ewwel (1) imputazzjoni (u cioé talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Horst Erich Wickinghoff) u sabitu hati wkoll tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta' erba' (4) xhur prigunerija.

In oltre, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-hati Jonathan Micallef b' garanzija personali ta' elf Euro (€1000.00) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Horst Erich Wickinghoff.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jonathan Micallef minnu pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u rabtitu b' garanzija personali fil-konfront ta' Horst Erich Wickinghoff, tvarjaha u timmodifikaha in kwantu l-piena inflitta u tikkundannah ghal piena iktar ekwa u gusta hekk kif stabbilit fl-Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti meta naqset li tapprezza l-fatt li l-incident kien wiehed ta' natura zghira u ta' ebda konsegwenza;

2. Li minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, l-incident kien rizultat ta' provokazzjoni tal-appellant minn Horst Erich Wickinghoff li ghalhekk huwa wiehed skuzabbli a tenur tal-Artikolu 230(c) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Li minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena inflitta hija eccessiva u mhix ekwa stante li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha fic-cirkostanzi tinfliggi l-piena stabbilita fl-Artikolu 221(3) tal-Kap, 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-provi:

Illi l-prosekuzzjoni pprezentat numru ta' provi dokumentarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fosthom ic-certifikat mediku ta' Horst Erich Wickinghoff, l-istqarrija li rrilaxxa l-appellant u l-fedina penali tieghu, Instermghet ukoll ix-xhieda ta' Horst Erich Wickinghoff u Stefan Lars Anders fit-23 ta' Settembru 2013. Fit-18 ta' Novembru 2013 xehed l-iSpettur Trevor Micallef filwaqt li giet ezebita sentenza moghtija kontra l-appellant fis-16 ta' April 2010. Fis-27 ta' Marzu 2014 regghet giet ezebita s-sentenza tas-16 ta' April 2010 filwaqt li xehed l-iSpettur Trevor Micallef dwar l-istess sentenza. FI-4 ta' Gunju 2014 xehdet Dr. Maria Debono Agius filwaqt li fit-30 ta' Gunju 2014 xehed Alec Sultana.

Dwar l-aggravji:

Illi dwar l-ewwel aggravju, I-appellant umilment jissottometti li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti meta qieset li l-appellant ikkawza griehi ta' natura hafifa lil Horst Erich Wickinghoff, stante li fl-ewwel lok, fuq ammissjoni ta' Wickinghoff stess u skont ix-xhieda ta' Dr. Debono Agius li invistatu wara l-incident, Wickinghoff ma

sofra l-ebda konsegwenza hlief dawk kosmetici li lanqas biss huma vizibbli stante li qieghdin taht l-evebrows.

Li minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ligi stess taghmel distinzjoni bejn griehi ta' natura hafifa ta' certu konsegwenza fl-Artikolu 221(1), u griehi ta' natura hafifa "*meta l-effett, ikkonsidrat sew ghal dak li hu l-gisem tal-offizi kemm moralment, ikun ta' importanza zghira*," fl-Artikolu 221 (3) in kwantu l-piena applikabbli.

Li wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni li jwegga' u/jew li iikkawza grieni u/jew ebda nsara lil Wickinghoff izda biss xejjer idejh. Jinghad li tenut kont l-istatura mdaqqsa tal-appellant kif ukoll is-sahha tieghu, li kieku kellu xi intenzjoni li jwegga' lil Wickinghoff jew lil siehbu, l-effett kien ikun hafna ikbar mill-konsegwenzi hekk imsejha kosmetici mit-tabiba li invistat li Wickinghoff wara l-akkadut, Dr. Maria Debono Agius, li a fol. 62 tal-process, xehdet li ma kien hemm l-ebda konsegwenzi fuq il-vista u li l-unika konsegwenzi kieku " ... *just kosmetici fl-eyebrows*" li fuq ammissjoni ta' Wickinghoff stess fix-xhieda tieghu a fol. 29 tal-process, "*... you can' t see it much. It's under my eyebrow*." Jidher car ghalhekk li din il-konsegwenza merament kosmetika kienet ir-rizultat ta' gestikulazzjoni tal-idejn tipika tal-mod ta' kif hafna Maltin jitkellmu, specjalment meta jkunu qieghdin jargumentaw, liema gestikulazzjoni u l-konsegwenzi taghha zgur ma kinux tat-tip ikkontemplat fir-reat li bih gie akkuzat u misjub hati l-appellant.

Illi dwar it-tieni aggravju, l-incident odjern kien wiened li rrizulta carament minn provokazzjoni tal-appellant minn Horst Erich Wickinghoff stante li dan tal-ahhar ghajjat, offenda lil u argumenta mal-appellant wara li kien huwa li qasam bl-addocc u b' nuqqas ta' konsiderazzjoni ghall-vetturi li kienu ghaddejjin fit-triq, kif ukoll kien hu li mexa lejn il-vettura tal-appellant, kif ghamel ukoll sieheb Wickinghoff, Stefan Lars Anders, li fuq ammissjoni ta' Wickinghoff, mexa lejh " *... to help me basically*" fil-hin li huwa kien qieghed jargumenta, joffendi u jghajjar lill-appellant, kif ikkonfermat mix-xhud okulari Alec Sultana, liema incident huwa ghalhekk skuzabbli taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 230(c) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li "*l-offiza volontarja fuq il-persuna hija skuzabbli (c) jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna*" Huwa car li c-

cirkostanzi tal-incident odjern jinkwadraw ruhhom fid-dispozizzjoni citata, fejn wara li Wickinghoff u Anders li qasmu bl-addocc u minghajr ebda konsiderazzjoni lejn il-vetturi li kienu qieghdin fit-triq dak il-hin, f'kundizzjonijiet tat-temp mhux gradevoli fejn kienet ghadha kif ghamlet halba xita, fid-dlam u fi triq traffikuza, kien Wickinghoff li, minflok ma ghadd lilu nnifsu xortih tajba li s-sewwieq tal-vettura rnexxielu jiskapulah billi skont ix-xhieda tax-xhud okulari Alec Sultana, "*hareg fin-nofs tat-triq biex jevitahom.*" baqa' miexi lejn il-vettura wieqfa tal-appellant filwaqt li offendih, ghajjru u pprovokah. Filwaqt li sieheb Wickinghoff. Stefan Lars Anders, mexa lejn il-vettura sabiex, kif xehed Wickinghoff stess, jassistih. Kienet din il-provokazzjoni li wasslet ghall-incident odjern.

Illi dwar it-tielet u l-ahhar aggravju, il-piena inflitta hija eccessiva u mhix ekwa stante li, kif fuq spjegat, il-ligi stess taghmel distinzjoni bejn griehi ta' natura hafifa ta' certu konsegwenza fl-Artikolu 221(1), u griehi ta' natura hafifa "*meta l-effett, ikkonsidrat sew ghal dak li hu l-gisem tal-offiz kemm moralment ikun ta' importanza zghira.*" fl-Artikolu 221(3) in kwantu l-piena applikabbli. Di fatti, fil-kazijiet fejn japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 221(3) bhal fil-kaz odjern, il-piena applikabbli hija, fejn ma japplikax l-Artikolu 217, kif fil-fatt ma japplikax fil-kaz odjern, u fejn ma japplikax l-Artikolu 222(1)(a) u (b), ukoll bhal fil-kaz odjern, il-piena tkun dik tal-kontravvenzjonijiet!

Li minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bbazat ruhha pjenament fuq il-fedina penali tal-appellant meta ddecidiet dwar il-piena, stante li filwaqt li ma tatx kunsiderazzjoni lic-cirkostanzi kollha rilevanti fuq imsemmija, irrimarkat li "*...jirrizulta li l-imputat kiser difrejgh mal-ligi diversi drabi*" filwaqt li ghamlet riferenza ghar-reati li nstab hati ghalihom fil-passat l-appellant, liema reati jigi umilment spjegat li filwaqt li mhumiex skuzabbli, kienu biss frott in-natura ta' xoghlu li llum abbandunah u qabad via ohra fl-esteru.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve jirrizulta li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) waqt li huwa kien qieghed isuq fi Triq San Gorg, San Giljan, qasmu t-triq zewg persuni. Dawn il-persuni ma uzawx traffic lights u lanqas zebra crossing sabiex qasmu din it-triq. Jirrizulta li kien hemm xi ghajjat da parti ta' wahda mill-persuni li qasmet it-triq minhabba li kien iffastidjat bis-sewqan tal-appellant. Gie allegat li l-appellant ta' daqqa jew zewg daqqiet ta' ponn lil Horst Erich Wickinghoff bil-konsegwenza li Horst Erich Wickinghoff sofra griehi.

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tikkunsidra dak sollevat mill-Avukat Generali fil-hdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u cioe' li t-talba fir-rikors tal-appell tal-appellant ma tirriflettix l-aggravji sollevati mill-istess appellant. Sussegwentement il-Qorti kienet akkordat zmien lill-appellant biex jirregola ruhu u dan sabiex isiru l-korrezzjonijiet necessarji biex sussegwentement issir it-trattazzjoni tal-appell.

Sussegwentement l-appellant kien prezenta rikors datat it-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn talab li t-talba taqra kif isegwi:

"*joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imputat hati izda illi kkawza ferita ta' natura hafifa u rabtitu b'garanzija personali fil-konfront ta' Horst Erich Wickinghoff, tvarjaha u timmodifika in kwantu l-piena nflitta u tikkundannah ghal piena iktar ekwa u gusta*"

L-Avukat Generali kien wiegeb ghal dak ir-rikors permezz ta' risposta datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn spjega li t-talba kif korretta ma tirriflettix l-aggravji mqajma fir-rikors tal-appell. Li t-talba kif korretta tinfitehem li r-rikors tal-appell huwa wiehed biss dwar il-piena u mhux dwar il-mertu filwaqt li qed jitlob konferma fejn sabitu hati ai termini tal-aritkolu 221(1) tal-

Kodici Kriminali, mentri l-ispirtu tar-rikors tal-appell huwa li kellu jinstab hati ai termini tal-artikolu 221(3) tal-Kodici Kriminali;

Din il-Qorti permezz tad-digriet tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) qieset li l-korrezzjoni li l-appellant talab li tigi awtorizzata hija wahda konfuzjonarja ghall-ahhar meta kkomparata mal-kontenut tal-aggravji tal-appell. Uhud mill-aggravji jittrattaw il-mertu mhux il-piena biss. Filwaqt li talab li jigi kkonfermat fejn instab hati li kkawza ferita ta' natura hafifa, ma hemm l-ebda talba li jigi kkonfermat hati tal-akkuzi l-ohra li taghhom instab hati. Ghalhekk din il-Qorti kienet cahdet it-talba u tat zmien sabiex l-appellant permezz ta' nota jiddikjara jekk l-appell tieghu jirrigwardax ukoll il-htija misjuba jew jekk huwiex limitat dwar il-piena u f'kaz li ma huwiex jappella mill-htija, biex jirregola ruhu dwar l-aggravji mressqa.

Illi permezz ta' nota prezentata fis-sitta (6) ta' Liulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), l-appellant iddikjara li qed izomm ferm mal-aggravji mressqa u li konsegwentement l-appell jirrigwarda kemm il-htija kif ukoll il-piena. In oltre' xtaq li t-talba rigwardanti l-piena ma tkunx ristretta ghal dak li jiddisponi l-artikolu 221(3) kif indikat fit-talba tar-rikors tal-appell tieghu izda tkun wahda iktar miftuha.

Illi fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) il-partijiet talbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza finali u li ghandha tiehu qies kemm l-aggravji sollevati mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu kif ukoll dak sollevat mill-Avukat Generali fis-seduta tal-hdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020).

In succint l-aggravji mressqa mill-appellant huma s-segwenti:

1. Li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti meta naqset li tapprezza l-fatt li l-incident kien wiehed ta' natura zghira u ta' ebda konsegwenza;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, l-incident kien rizultat ta' provokazzjoni tal-appellant minn Horst Erich Wickinghoff li ghalhekk huwa

wiehed skuzabbli a tenur tal-Artikolu 230(c) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Li minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena inflitta hija eccessiva u mhix ekwa stante li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha fic-cirkostanzi tinfliggi l-piena stabbilita fl-Artikolu 221(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant fin-nota tieghu datata s-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) spjega li qieghed jappella kemm mill-htija kif ukoll mill-piena u ghalhekk din il-Qorti nonostante l-fatt li t-talba originarjament maghmulha fir-rikors tal-appell u lanqas fil-korrezzjoni li kienet giet mitluba li tigi awtorizzata ma tirrifletti l-aggravji u li in oltre' ma hemmx talba ghal konferma jew revoka tas-sejbien ta' htija tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u li kien permezz tal-Att I tal-2018 li l-piena ta' nullita tnehhit fl-artikolu 419(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li r-rikors tal-appell tal-appellant gie prezentat qabel ma gew introdotti dawk l-emendi u ghalhekk gie prezentat fi zmien fejn il-ligi kienet ghada tiprovdi ghan-nullita' tar-rikors tal-appell meta t-talba ma tkunx saret b'mod korrett, din il-Qorti tenut kont tal-fatt li l-hsieb tal-legislatur kien is-simplifikazzjoni u l-kjarezza u favur l-atti jigu salvati, sejra ghalhekk tqis li l-appellant appella kemm mill-htija kif ukoll mill-piena, dan izda fil-parametri ta' dak li jipprovdu l-aggravji mressqa mill-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant issottometta li l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti meta qieset li l-appellant ikkawza griehi ta' natura hafifa lil Horst Erich Wickinghoff, stante li fl-ewwel lok fuq ammissjoni ta' Wickinghoff ma sofra l-ebda konsegwenza hlief dawk kosmetici li lanqas biss huma vizibbli stante li qeghdin taht l-eyebrows.

Jissottometti li l-ligi taghmel distinzjoni bejn griehi ta' natura hafifa ta' certu konsegwenza fl-artikolu 221(1) u griehi ta' natura hafifa '*meta l-effett ikkonsidrat sew ghal dak li hu l-gisem tal-offiz kemm moralment, ikun ta' importanza zghira*' fl-artikolu 221(3) in kwantu l-piena applikabbli.

In oltre' jissottometti li l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni li jwegga u/jew li jikkawza griehi u/jew ebda hsara lil Wickinghoff izda biss xejjer idejh. Tenut kont tal-istatura mdaqqsa tal-appellant kif ukoll is-sahha tieghu, li kieku kellu xi intenzjoni li jwegga' lil Wickinghoff jew lil siehbu, l-effett kien ikun hafna ikbar mill-konsegwenzai hekk imsejha kosmetici mit-tabiba li invistat lil Wickinghoff wara l-akkadut, Dr Maria Debono Agius, li a fol 62 tal-process xehdet li ma kien hemm l-ebda konsegwenzi fuq il-vista u li l-unika konsegwenzi kieku "*...just kosmetiċi fl-eyebrows*" li fuq ammissjoni ta' Wickinghoff stess fix-xhieda tieghu a fol 29 tal-process "*...you can't see it much. It's under my eyebrow.*" Li l-konsegwenza merament kosmetika kienet ir-rizultat ta' gestikulazzjoni tal-idejn tipika tal-mod ta' kif hafna Maltin jitkellmu, specjalment meta jkunu qeghdin jargumentaw, liema gestikulazzjoni u l-konsegwenzi taghha zgur ma kienux tat-tip ikkontemplat fir-reat li bih gie akkzuat u misjub hati l-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi fil-Current Incident Report datat it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) li jinsab a fol 14 et sequitur u mmarkat bhala Dok TM2 gie mnizzel:

'*Complainant reported at this end that whilst he was crossing the street a car came at twice the speed from up the hill towards them when it stopped just in time not to run them over when he stopped both Mr Wickinghoff and Mr Andres asked what was wrong with the driver and why he stopped as close as he did for some reason.*

*The driver being of big build got out of the car came close to P.F.R's and punched Mr Wickinghoff.*
*On the seen there was also Mr A.G. Sultana was on the scene as well and saw everything develope in front of him.*

*Also number plate KBI353 was produced from said witnesses and owner was contacted where he stated that his son was with the car.*

*The police made contract with said driver and he came to this end where he was asked what happened and he said that:*

*Mr Micallef being the driver listed as person related by his reaccount was coming down from Triq san gorg when two persons got of the pavemenet and he got on the break immediatlly and as the car came to a stop both persons started to insult driver and shouting at him in an arrogant manner where he got out of the car and as he approached them Mr. Andres Pushed Mr. Micallef who in turn gave a push back but is not sure who he hit and then left the scene.'*

Tnizzel ukoll '*Medical certificate was produced and Dr M. Debono Medical Registration 3125 certified injuries as Grevious nature.'*

Erich Wikinghoff xehed bil-lingwa Ingliza fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn ma ftakarx id-data tal-incident izda qal li kien Jannar jew Frar u aktar tard jghid li nofs Jannar, 15 jew 16 izda mhux cert. Jghid li '*It was about ten past nine in the evening and I crossed the road, a car was coming up from*'. Spjega li qasam it-triq '*Between the laundry and Dicks Bar. And basically I crossed the road, I saw a car coming from Spinola Bay driving up the road relatively fast so I had to hurry up and crossed the road, I was already on the other side but the car came so fast that I was like hey do you want to drive over me? And that made him stop, I looked into the car like do I know this person, why is he stopping like? And we looked at each other, I saw him coming out, he walked around the car and was wondering hey what's this? Are you going to kill me? And I turned, I thought he just got in and I had a punch in my eye.'*

Tah daqqa ta' ponn f'ghajnejh ix-xellugija. Mistoqsi jarfux b'referenza ghall-imputat qal '*It could be him*', bhala vettura kien qieghed isuq '*Sort of SUV type, dark car, relatively large.*' Ix-xhud kien ma habib tieghu Stefan Lars, jghid li '*He came to help me basically, he was a few meters before me already and the guy asked him 'hey do you want some as well?'* he said '*no for you it's better time to go home', my friend said to him'*. Spjega li '*And on the other side of the road a doctor came along together with his girlfriend and they came running to me, helping me, assisting me, saying hey we will bring you to the hospital but first we go to the police and mention the number plate and everything.'*

Mistoqsi dwar il-griehi sofferti wiegeb li '*I had my eye got stitched twice under my eye and above it basically, and it was swollen for a week, I couldn't go for a few days to work.*'

Stefan Lars Anders li xehed bil-lingwa Ingliza fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) ma ftakarx meta sehh l-incident, jghid li fis-sena elfejn u tlettax  (2013) u jghid li '*It must have been April, around there, I am guessing, I am not sure exactly what date it was to be honest.*' Jghid li kien ghal habta tad-disgha, disgha u nofs ta' filghaxija f'San Giljan kienu qeghdin jaqsmu hdejn Pizza Hut. Hu u siehbu Erich Wikinghoff kienu qed jaqsmu t-triq minn Dicks Bar, jghid li '*We crossed the street just short cut...*' Li '*a car came up the street and we ran across*'. Jghid li '*It was a white car, number plate I don't remember, I didn't see it.*' Jghid li '*Small white car, a van like jeep type. And so we ran across the street and my friend came up really fast on the street so he must have been hit over, so he stopped. My friend went up and they had an argument, I was quite far from them, I was like twenty meters away because I continued walking and they had an argument, the other man came out of the car and my friend got punched a couple of times.*'

Mistoqsi biex jidentifika lil persuna li ta' daqqa ta' ponn lil siehbu wiegeb '*I am not sure I can recognise him, it was dark, it was long time ago.*' Jghid li '*He was quite well built I remember*'. Mistoqsi x'tip ta' argument kellhom, qal li '*It was about coming up too fast on crossing the street*' Ma jafx ghala inghatat id-daqqa ta' ponn, jghid li '*they had some argument and I was far away as I said, but they were arguing about being close like getting hit on the street.*' In kontro-ezami ikkonferma li kien ma siehbu jaqsmu t-triq, li ma qasmux minn pelican lights jew zebra crossing izda minn hdejn Dick's bar.  Mistoqsi '*he didn't cross from the zebra crossing, he just darted, crossed across, correct?*' wiegeb '*Yes we both did.*' Qasmu fl-istess hin izda huwa baqa miexi.  Mistoqsi '*Did you see your friend going into this white car?*' wiegeb '*No nothing to it.*' Ikkonferma li ra lil habib tieghu sejjer lejn il-karozza l-bajda biex ikellem lis-sewwieq u mar fuq in-naha tal-passigier. Ma jafx jekk siehbu dahhalx rasu mit-tieqa.

L-Ispettur Trevor Micallef fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed li '*Fit-28 ta' Jannar ta' din is-sena ghal habta ta' l-ghaxra u tnejn u*

*ghoxrin minuta ta' filghaxija gie wiehed jaghmel rapport, certu Horst Eric Wikingoff, Id card number 55090A flimkien ma' habib tieghu li jismu Stefan Lars Anders, Id card number 70096A fejn dan irraporta li waqt li kien qed jaqsam it-triq fi Triq San Gorg, San Giljan kien hemm vettura number plate KBI 353, minghalija jekk m' inix sejjer zball kienet xi Mitsubishi, fejn waqt li kien qed jaqsam dan kien ha jtajjarhom ix-xufier ta' din il- vettura. Dan ukoll qal li hin minnhom dan kien ha jtajjarhom ix-xufier ta' din il-vettura. Dan ukoll qal li hin minnhom x'hin waqaf hareg ghalihom, kien hemm argument verbali u hareg ghalihom u ta daqqa ta' ponn lil Horst Eric Wikingoff li produca umbaghad aktar tard certifikat mediku fejn kien qed jghid li kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi.*' L-imputat kien irilaxxa stqarrija wara li tkellem ma' Dr Larry Gauci u nghata s-solitu twissija.

Xehed li l-allegat vittma Horst Eric WIkingoff pproduca certifikat mediku esebiat a fol 18. X'hin kienu qed jaghmlu r-rapport, l-allegat vittma u x-xhud tieghu qalu li kien hemm persuna li kien ra kollox u tahom id-dettalji tieghu biex jekk dak jitla' u jixhed f'din il-kawza, kien George Sultana tabib ukoll.

Mr Alec Sultana xehed fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn spjega li '*fit-28 ta' Jannar tas-sena l-ohra kien filghaxija nahseb, m'inix cert ezatt fil-hin imma nahseb kien wara d-disgha hax kien diga dalam, kont miexi tiela t-tela ta' Balluta u smajt hoss ta' brake u nara four wheel drive tiela t-tela u kien hemm tnejn min nies qed jaqsmu, hareg fin-nofs tat-triq biex jevitahom u baqa' tiela ishu xi ghoxrin metru qabel ma waqaf. Jiena naf li kien ghadha kemm taghmel ix-xita jigifieri l-art kienet naqra imxarrba. Meta waqaf wiehed min dawn it-tnejn li kien ser jolqot beda jghajjar, ma smajtx x'kien qed jghid ovvjament kien irrabjat u imbaghad nara lid-driver jirriversja l-four wheel drive*'.

Ma jiftakarx in-number plate izda hadlu n-numru u tah lil Pulizija. Kien id-dlam ma setax jara l-kulur. Xehed li '*Rajtu jirriversja, nizel dawk l-ghoxrin metru sakemm gie hdejn dawn it-tnejn minn nies, hareg mil-karozza u dar hdejn dawn u minghajr ma qal xejn ta daqqa ta' ponn lill wiehed min dawn in-nies li kienu qed jaqsmu u waqt li kien qed jaqa' rega tah daqqa ta' ponn ohra. Dan ovvjament waqa' mal-art. Hu mbaghad rega dahal fil-karozza, sadattant jien ghax kont in-naha l-ohra tat-triq qsamt u malli kien ser jitlaq hadtlu n-numru u peress li jien tabib rajt x'injuries kellu u kellu qasma fuq ghajnejh kien stordut. Hadtu*

*mieghi l-ghassa tal-pulizija, ghamilt rapport tajthom in-numru tal-karozza li rajt u hadtu l-isptar imbaghad ghal kura ghaliex kellu ferret kbir fuq ghajnejh..'*

Huwa ma gharafx lil persuna li ta daqqa ta' ponn hlief li kien mibni sew. B'referenza ghall-imputat qal li jidher li jaghmel body building izda minn wiccu ma jaghrfux. Ix-xhud kien faccata r-restaurant li kien Sardinella.

Dott. Maria Debono Agius xehdet fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Giet murija certifikat mediku a fol 18 tal-process u qalet li '*Ic-certifikat huwa tieghi, l-firma tieghi. Rajt lill Hors Eric Wikinghof fit-28 ta' Jannar 2013, ghal habta tal-11:30 ta' filghaxija. Kien gie qalli allegatament li qalgha daqqa ta' ponn f'wiccu. Dakinhar jien sibtlu nefha kbira madwar l-ghajn ix-xellugija, kellu qasma fl-eyebrow ta' fuq ta' madwar tlett centimetre u ohra fl-eyebrow t'isfel ta' madwar erbgha centrimetri, kellu ftit demm migmugh fl-abjad tal-ghajn u l-vista tieghu kienet normali. Konna ghamilnilu X Ray ukoll imma kien wera ebda ksur.*' Hija kkonfermat il-kontenut tac-certifikat. Kellha tgahmillu punti fiz-zewg qsim li kellu. In kontro-ezami qalet li '*Rajnih wara hamest ijiem pero' ma rajtux jien stess pero' mid-dokument li sibt l-isptar kien wera li speci kollox kien qed jfieq tajjeb u li l-gewwa tal-ghajn, ghalhekk ergajna rajnih, kien normali.*' Ma kellux konsegwenzi fuq vista izda kosmetici fl-eyebrows.

L-imputat kif kellu dritt li jaghmel ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda kien irilaxxa stqarrija fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013). Ghalkemm din l-istqarrija giet rilaxxata fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx taghti d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija, l-appellant ma ressaq l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammissibilita' ta' din l-istqarrija. Ghaldaqstant, din il-Qorti tqisha bhala prova ammissibli.

Din l-istqarrija tinsab a fol 19 et sequitur u mmarkata bhala Dok TM4. Mistoqsi x'inqala l-bierah filghaxija fi Triq San Gorg, San Giljan stqarr li '*Ghal habta ta' xi 10:00p.m kont tiela mit- Triq ta' hawn fuq fejn hemm l-Pizza Hut, kien hemm wiehed u qabad u qasamli bl addocc. Lanqas biss qasam minn fuq iz-zebra Crossing. Jiena waqaft biex ma intajjrux u dan beda ikellimni hazin. Hu beda jifuckjani u johrogli is- subgha tan- nofs. Jien inzilt mil karozza biex nara ghalxiex beda ikellimni hazin, kif inzilt mil karozza u dort*

*min naha ta' wara ghax hu kien qieghed mat- tieqa ta' quddiem man- naha tal- passigier u hekk kif dort, sibt lil siehbu kien gej ghalija min naha l ohra minn wara tal- karozza. Huma gew it- tnejn quddiemi u dak tan naha tax- xellug li kien liebes coat iswed inbuttani minn spalti u jien kif inbuttani xejjirt idi u lqadt lil xi hadt minnhom imma ma nafx lil min. Jien imbaghad dhalt fil- Landcruiser tieghi u tlaqt lejn ix- xoghol. Jien ma mortx l-Ghassa ghax ma rajtx li kien hemm ghalfejn.*' Jghid li z-zewg persuni huma itwal minnu u fihom tfal. Mistoqsi jekk xejjer aktar minn daqqa ta' ponn wahda, wiegeb '*Le, wahda imma ma kellix intenzjoni li nolqot lil xi hadt. Bl istess imbuttatura qisu kien hemm reazzjoni.*' Cahad li kien qieghed isuq b'mod traksurat. Kienet ix-xita u zlieq. Qatt ma kien iltaqa ma dawn iz-zewg persuni. Issugeriet lilu li x'hin xejjer idu laqat lil wiehed minnhom u garrab griehi ta' natura gravi wiegeb li '*Le, ma jistax ikun, jien ma xejjirtx idi daqshekk bis- sahha biex jigri hekk.*' Huwa kkonferma li ried iressaq lil dawn iz-zewg persuni l-Qorti talli offendewh u talli hebbew ghalih. Huwa kkonferma li tressaq il-Qorti qabel. Qal li jekk vera wegga xi hadd, jiddipjacih ta' li gara.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok, ghalkemm il-parti leza u l-habib tieghu ma ftakrux id-data ta' meta sehh l-incident, kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti, mill-bqija tal-atti processwali jirrizulta car li l-akkadut sehh fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013). L-appellant stess fl-istqarrija tieghu jirrikonoxxi li huwa kien involut f'argument gurnata qabel ma rrilaxxa l-istqarrija ghalkemm jichad li ta' daqqa ta' ponn izda jghid li wiehed miz-zewg persuni imbuttah u konsegwentement l-appellant laqghet lil xi hadd minnhom.

Din il-Qorti tqis li mill-atti jirrizulta car li l-appellant ta' daqqa ta' ponn lil parti leza Wickinghoff. Ix-xhud okulari Mr Alec Sultana li kien ghaddej fl-inhawi jghid li gew moghtija zewg daqqiet ta' ponn lill-istess persuna. Din il-Qorti ma temminx lill-appellant li laqet lil parti leza bi zball u cioe' incidentalment u dan peress li jghid li gie imbuttat. Mill-atti ma jirrizultax li xi hadd inbotta lill-appellant, jirrizulta izda li kien hemm argument meta zewg persuni u cioe' l-parti leza u habib tieghu qasmu triq mhux permezz ta' pelican lights jew zebra crossing u vettura kienet ghaddejja

b'mod veloci u ghalhekk wiehed minn dawn iz-zewg persuni wera' rabja minhabba l-mod ta' kif kienet misjuqa l-vettura u cioe' li setghet laqtithom.

Dak li huwa krucjali huwa li kien l-appellant li ghazel li jinzel mill-vettura li huwa kien qieghed isuq u hebb ghall-parti leza. Huwa kien fil-vettura filwaqt li l-persuni l-ohra kienu fit-triq. Ma jirrizultax li dawn il-persuni provaw jidhlulu fil-vettura. Ghalhekk anke jekk il-parti leza setghet urtat lill-appellant stante li qasam flimkien ma siehbu minghajr ma uza zebra crossing, l-appellant evidentement niezel mill-vettura ghal glied.

L-appellant jissottometti li ma kellu l-ebda intenzjoni li jwegga u/jew li jikkawza griehi u/jew ebda hsara lil Wickinghoff izda biss xejjer idejh. Mill-provi jirrizulta li l-appellant mhux biss xejjer idejh izda ta' daqqa ta' ponn, daqqa ta' ponn li waslet lil parti leza jsofri griehi f'wiccu. Ix-xhud okulari Mr Alec Sultana xehed li '*hareg mill-karozza u dar hdejn dawn u minghajr ma qal xejn ta daqqa ta' ponn lill wiehed min dawn in-nies li kienu qed jaqsmu u waqt li kien qed jaqa' rega tah daqqa ta' ponn ohra.*' Ghalhekk din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li rizultat tal-agir tal-appellant, l-appellant kien jaf li dan kien setgha jikkawza griehi. Certament li daqqa ta' ponn f'ghajnejn persuna sejra tikkawza hsara lil dak li jkun. Mill-atti jirrizulta li ghalkemm it-tabiba Dr M Debono Agius iccertifikat lil parti leza li sofra griehi gravi, il-Qorti fis-sentenza appellata qieset li l-Qorti ma kinitx pjenament konvinta dwar in-natura tal-griehi u cioe' li kienu ta' natura gravi. Ghalhekk sabet htija ta' griehi ta' natura hafifa.

L-appellant issottometta li stante li Wickinghoff ma sofra l-ebda konsegwenza hlief dawk kosmetici li lanqas biss huma vizibbli stante li qeghdin taht l-eyebrows, il-ligi stess taghmel distinzjoni bejn griehi ta' natura hafifa ta' certu konsegwenza fl-artikolu 221(1) u griehi ta' natura hafifa '*meta l-effettt, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, ikun ta' importanza żgħira*' u dan b'referenza ghall-artikolu 221(3) in kwantu l-piena.

L-artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*(3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, ikun ta' importanza żgħira, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel -*
*(a) il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b);*
*(b) il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, f'kull każ ieħor.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. David Sant'**[1] gie meqjus li:

**'8.** *Is-sitt aggravju hu maghmul jikkonsisti bazikament filli l-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti messha sabet li l- offiza minnu kkagunata fuq Sprangers kienet "ta' importanza zghira" skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali, u dan peress li t-tabib John Gauci, li kien ezamina lill-imsemmija Sprangers, kien ikkwalifika l-offizi bhala "of slight consequence". Fil-fatt hekk ipprova jaghmel ukoll dan it-tabib meta xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-10 ta' Awissu 2007. Jinghad ipprova jaghmel, ghax kif appena l-abbili difensur ta' l-appellant staqsa jekk l-offiza li garrbet Sprangers kinitx "of slight consequence", din il-Qorti zammet lix-xhud milli jwiegeb ghal din id-domanda. Ir-raguni hi semplici: l-offiza tkun "ta' importanza zghira" meta titqies "sew ghal dak li hu l-gisem ta' l-offiz kemm moralment". Fi kliem iehor, il-kwalifika ta' offiza hafifa bhala ta' "importanza zghira" ma tiddependix biss fuq l-aspett fiziku jew mediku, izda wkoll fuq l-aspett morali fis-sens ta' kif l-offiza timpingi jew tista' timpingi fuq il-psike tal-offiz. Issa, fil- fehma tal-Qorti, li tigi offiz fuq il-persuna tieghek minn xi hadd – ufficjal fil-Korp tal-Pulizija – li suppost qieghed hemm proprju biex jara li inti ma tigix hekk offiz, difficilment jista' jikkwalifika bhala "ta' importanza zghira" mil-lat morali. Effettivament, meta kwazi xahar wara li gara l-incident u wara li kienu pubblikati r-ritratti fil- Maltatoday, il-pulizija bghatu ghal Sprangers, hi ghamlitha cara li kullma riedet kien li affarijiet bhal dawn ma jergghux jirrepetu ruhhom, proprju minhabba l-umiljazzjoni li dak li jkun jissubixxi meta jigi, kontra l-ligi, offiz fuq il-persuna tieghu minn ufficjal tal-pulizija f'dak li hu suppost il-qadi tad-dmirijiet ta' dak l-ufficjal. Ghalhekk f'dan il-kaz din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tikkwalifika l-offiza bhala "ta' importanza zghira" fis-sens tas- subartikolu (3) ta' l-Artikolu 221 tal-Kap. 9.*'

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Ottubru, 2007 (Appell Kriminali Numru: 276/2007)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Nicholas Vella) vs CHRISTOPHER SANT (ID: 562477M)**[2]' gie kkunsidrat li:

'*Fir-rigward ta' Luke Sant, ghalkemm huwa xehed*[3] *illi garrab xi grif tal-hgieg li tfarrak bil-gebel li tefa' l-imputat, mill-provi li tressqu ma jirrizultax li huwa garrab xi feriti fizici izda xokk, bhala rizultat tal-incident. Dan huwa konfermat mix-xhieda ta' Dr. Owen Mifsud li qal illi meta ezaminah ma rax feriti u kkonferma li Luke Sant kien qed ibati minn xokk biss. Fil-fatt, fic-certifikat li huwa hejja, hemm mitkub "slight save complications". Dan, fil-fehma tal-Qorti u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 214 tal-Kapitolu 9, huwa kaz ta' offiza ta' natura hafifa, izda billi ma jirrizultax li x-xokk halla xi effett fuq il-gisem ta' Luke Sant, u lanqas jidher li halla effett moralment, ghandu jitqies bhala offiza ta' importanza zghira a tenur tal-Artikolu 221(3) u ghaldaqstant huma applikabbli l-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) (Spettur Josric Mifsud) versus Victor Mizzi'**[4] gie kkunsidrat li:

'*Min-naħa l-oħra l- Prosekuzzjoni ippruvat 'l hemm minn kull dubju dettat mir- raġuni li l-vittma kien uffiċjal pubbliku, li l-offiża saret waqt li vittma kien jaqdi d-dmirijiet tiegħu, u l-offiża hija konnessa max-xogħol uffiċjali ta' l-imputat. Fl-aħħarnett kienet ippreżentata l-kwerela ai fini ta'l-artikolu 221(4) u l- effett li jħalli daqqa ta' ponn fuq il-wiċċ* ***ma jistax*** *jitqies ta' importanza żgħira. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l- Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni.*'

Ghalhekk dak li trid tqis din il-Qorti hija jekk il-griehi ta' natura hafifa kienux tali li hallew konsegwenza zghira fizikament u moralment. Din il-Qorti tqis li ghalkemm kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti ma giex sufficentement pruvat li l-griehi kienu ta' natura gravi, ma jistax jinghad li l-effett kien ta' importanza zghira. Jirrizulta li ghalkemm l-effett kien wiehed kosmetiku, jirrizulta ukoll skont Erich Wikinghoff li '*I had my eye got stitched twice under my eye and above it basically, and it was swollen for a week, I couldn't go for a few days to work.*' Mistoqsi '*Do you have any marks?*' wiegeb '*You can't see it much, it's under my eye brow.*'

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2019 (Kumpilazzjoni numru: 632/2015)

[3] Fol. 77 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sittax (16) tas-sentenza citata)

[4] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) (Numru: 389/2004)

It-tabiba Maria Debono Agius fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehdet sabet '*nefha kbira madwar l-ghajn ix-xellugija, kellu qsama fl-eyebrow ta' fuq ta' madwar tlett centimetre u ohra fl-eyebrow t'isfel ta' madwar erbgha entimetri, kellu ftit demm migmugh fl-abjad tal-ghajn u l-vista tieghu kienet normali. Konna ghamilnilu X Ray ukoll imma kien wera ebda ksur.*' Xehdet li '*Rajnih wara hamest ijiem pero' ma rajtux jien stess pero' mid-dokument li sibt l-isptar kien wera li speci kollox kien qed jfieq tajjeb u li l-gewwa tal-ghajn, ghalhekk ergajna rajnih, kien normali.*' Konsegwenzi fil-vista ma kienx hemm izda '*Just kosmetici fl-eyebrows.*'

Jirrizulta li l-appellant kellu jaghmel punti mal-eyebrow u jirrizulta ukoll li kien ghamel xi gimgha b'wiccu minfuh u ma marx ghax-xoghol ghal ftit jiem u ghalhekk ma jistax jinghad li l-effett kien ta' importanza zghira. Ghaldaqstant il-qorti korrettament sabet htija taht l-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 221(3) ma huwiex applikabbli f'dan il-kaz.

Dan l-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-provokazjzoni u cioe' l-appellant jissottometti li l-incident kien wiehed li rrizulta carament minn provokazzjoni tal-appellant minn Horst Erich Wickinghoff u dan stante li l-parti leza kien ghajjat, offenda u argumenta mal-appellant wara li qasam bl-addoc u b'nuqqas ta' konsiderazzjoni ghal vetturi li kienu ghaddejin fit-triq u kien mexa lejn il-vettura tal-appellant u li siehbu Stefan lars fuq ammissjoni ta' Wickinghoff mexa lejh '*... to help me basically*' fil-hin li qieghed jargumenta, joffendi u jghajjar lill-appellant kif ikkonfemat mix-xhud Alex Sultana.

Ghalhekk jissottometti li l-incident huwa skuzabbli taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 230(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jissottometti li qasmu bl-adocc u minghajr ebda konsiderazzjoni lejn il-vetturi li kienu qeghdin fi-triq dak il-hin, f'kundizzjonijiet tat-temp mhux gradevoli fejn kienet ghada kif ghamlet halba xita, fid-dlam u fi triq traffikuza, li Wickinghoff minflokk ghadd lilu

nnifsu xortih tajba li s-sewwieq irnexxilu jiskapulah, baqa miexi lejn il-vettura wieqfa tal-appellant offendih, ghajjru u pprovokah.

Din il-Qorti tqis li ghalkemm jirruzulta li kien hemm xi forma ta' argument, minn imkien hlief minn dak li jallega l-appellant ma jirrizulta li l-parti leza bdiet tghajjar u toffendi lill-appellant. Dak li jghid ix-xhud okulari Mr Alec Sultana huwa li '*Meta waqaf wiehed min dawn it-tnejn li kien ser jolqot beda jghajjat, ma smajtx x'kien qed jghid ovvjament kien irrabjat u imbaghad nara lid-driver jirriversja l-four wheel drive*'. Xehed li '*Rajtu jirrivesja, nizel dawk l-ghoxrin metru sakemm gie hdejn dawn it-tnejn minn nies, hareg mill-karozza u dar hdejn dawn u minghajr ma qal xejn ta daqqa ta' ponn lill wiehed min dawn in-nies li kienu qed jaqsmu u waqt li kien qed jaqa' rega tah daqqa ta' ponn ohra. Dan ovvjament waqa' mal-art.*'

Din il-Qorti tqis li ghalkemm jirrizulta li kien hemm xi ghajjat da parti tal-parti leza wara li hu u siehbu qasmu mhux fuq traffic lights u lanqas zebra crossing u meta l-appellant setgha bis-sewqan tieghu ta' l-impressjoni li kien se jtarrar lil dawn iz-zewg minn nies, din il-Qorti ma tistax tqis li l-appellant gie pprovokat. Anke jekk il-parti leza jew siehbu setghu werew rabja, kien l-appellant li minn jeddu iddecieda li johrog mill-vettura u jmur jaghti daqqa ta' ponn lil parti leza. L-appellant setgha facilment tkellem b'mod civili izda minflokk ghazel li johrog mill-vettura u jaghti daqqa ta' ponn jew tnejn lil parti leza. Ghalkemm l-appellant jallega li gie mbuttat minn wiehed miz-zewg persuni, dan ma jirrizultax mix-xhieda tax-xhud okulari Mr Alec Sultana.

Il-fatt li Stefan Lars Anders jikkonferma li l-parti leza resqet vicin it-tieqa tal-passigier tal-vettura biex tkellem lix-xufier u anke jekk il-parti leza bdiet tghajjat u turi rabja tal-mod kif saq l-appellant, ma jistax jitqies f'ghajnejn il-ligi bizzejjed biex l-appellant jhossu provokat. Ghalhekk l-offiza mhijiex skuzabbli stante li m'hijiex rizultat ta' provokazzjoni minn delitt. Il-komporatament tal-appellant kien wiehed inaccettabbli. It-tieni aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setghet legalment issib htija li l-appellant ikkaguna ferita' ta' natura hafifa fil-gisem ta' Horst Erich Wickinghoff.

Ikkunsidrat;

L-appellant instab hati ukoll li kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied. Ma tressaq l-ebda aggravju dwar dan, u nonostante dan, stante li jirrizulta li l-appellant hebb ghal Horst Erich Wickinghoff meta tah daqqa ta' ponn, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija ta' dik it-tieni imputazzjoni.

L-appellant instab hati ukoll li rrenda ruhu recediv skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Ispettur Trevor Micallef fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena efejn u erbatax (2014) esebixxa sentenza u gharaf lill-imputat peress li kien il-prosekutur dak iz-zmien. Din is-sentenza tinsab a fol 49 et sequitur immarkata bhala Dok TM7 fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija [Spettur Trevor Micallef] vs Jonathan Micallef'</u>** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Kumpilazzjoni numru 376/10) fejn l-imputat gie kkundannat ghal disa' xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti imponiet fuq l-istess imputat protection order taht l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9. L-appellant fir-rikors tal-appell ma ressaq l-ebda aggravju dwar din l-imputazzjoni biss pero' id-difiza fit-trattazzjoni taghha quddiem din il-Qorti issottomettiet li ma ngabitx prova li dik is-sentenza kienet wahda res judicata.

Ghalkemm ma tirrizultax konferma bil-gurament li s-sentenza prezentata kienet res judicata, l-appellant fl-appell tieghu ma ressaq l-ebda aggravju dwar dan u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tikkonsidra din is-sottomissjoni. Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija dwar l-addebitu tar-recediva.

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ghal erba' xhur prigunerija kif ukoll wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rabtet lill-appellant b'garanzija personali ta' elf ewro (€1000) ghal zmien sena mil-lum fil-konfront ta' Horst Erich Wickinghoff. L-appellant fit-tielet u l-ahhar aggravju jissottometti li l-piena hija eccessiva u mhix ekwa u jidhol fid-distinzjoni bejn griehi ta' natura hafifa ta' certu konsegwenza u griehi ta' natura hafifa meta l-effett ghal dak li hu l-gisem tal-offiz kemm moralment ikun ta' importanza zghira u dan skont l-artikolu 221(3). Kif gia inghad l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija ta' feriti hfief ai termini tal-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma taqbilx li l-artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa applikabbli.

L-appellant jissottometti li l-Qorti bbazat ruhha pjenament fuq il-fedina penali tal-appellant meta ddecidiet dwar il-piena, stante li filwaqt li ma tatx kunsiderazzjoni lic-cirkostanzi kollha rilevanti imsemmija, irrimarkat li '*...jirrizulta li l-imputat kiser difrjegh mal-ligi diversi drabi*' filwaqt li ghamlet referenza ghar-reati li nstab hati ghalihom fil-passat l-appellant, reati li filwaqt li mhumiex skuzabbli, kienu biss frott in-natura ta' xoghlu li llum abbanduna u qabad via ohra fl-esteru. Din il-Qorti dwar dan tqis li anke jekk uhud mir-reati passati li taghhom instab hati kienu in konnessjoni ma xoghol li kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ma ghandiex tikkunsidrahom meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta. Il-vjolenza fuq persuni ghandha dejjem tigi kkundannata bla rizervi.

In kwantu r-reati li taghhom instab hati permezz ta' dawn il-proceduri jirrizulta li fiz-zmien ta' meta sehh ir-reat, il-ligi taht l-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienet tipprovdi ghal piena ta' mhux izjed minn tlett (3) xhur jew il-multa. B'zieda ma' dan jirrizulta li l-appellant instab hati ta' kontravenzjoni u cioe' li kiser il-bon-ordni b'ghajjat u glied u in oltre' instab hati li huwa recediv. L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li ma kelliex alternattiva hlief li timponi terminu ta' prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat.

Din il-Qorti filwaqt li tqis li mill-fedina penali jirrizulta li l-appellant instab hati diversi drabi fosthom li kkawza offizi ta' natura hafifa u anke ta' natura gravi fost reati ohra fosthom attentat vjolenti ghal pudur, tenut kont tal-fatt li r-reati li taghhom

gie misjub hati permezz ta' dawn il-proceduri sehhew fl-elfejn u tlettax (2013) u ghalhekk il-fuq minn seba' (7) snin ilu u in vista li mill-fedina penali aggornata ma jirrizultax li l-appellant ikkometta reat iehor fil-mori ta' dawn il-proceduri, sejra tirrevoka fejn il-Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena ta' erba' (4) xhur prigunerija u sejra minflokk tikkundanna lill-appellant sabiex ihallas multa ta' elf u mitt ewro (€1,100) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Din il-Qorti sejra tikonferma fejn *ai termini* tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rabtet lill-appellant b'garanzija personali ta' elf Ewro (€1000) ghal zmien sena fil-konfront ta' Horst Erich Wickinghoff, liema perjodu jibda ghaddej mil-lum.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tikkonferma fejn il-Qorti fis-sentenza appellata ma sabitx htija li l-appellant ikkaguna fertita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Horst Erich Wickinghoff, tikkonferma fejn il-Qorti sabet htija tar-reat minuri kompriz u involut fl-ewwel imputazzjoni u cioe' li kkaguna ferita' ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Horst Erich Wickinghoff u anke fejn sabitu hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, tirrevoka fejn ikkundannat lill-appellant ghal erba' (4) xhur prigunerija u minflokk tikkundanna lill-appellant multa ta' elf u mitt ewro (€1,100) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Din il-Qorti tikkonferma fejn *ai termini* tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti fis-sentenza appellata rabtet lill-appellant b'garanzija personali ta' elf Ewro (€1000) ghal zmien sena fil-konfront ta' Horst Erich Wickinghoff, liema perjodu jibda ghaddej mil-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur